# Aħbar Tajba



**L-Ewwel Ħadd tal-Avvent**
Il-Ħadd 27 ta' Novembru 2022

Is 2, 1-5
Salm 121 (122), 1-2.4-5.6.7.8-9
Rum 13, 11-14a
Mt 24, 37-44

"Ishru, mela, għax ma tafux **il-jum li fih jiġi Sidkom."**

Il-qari tal-lum ifakkarni fil-motto tal-iscouts, "*Be prepared*". Scout tajjeb għandu jkun dejjem ippreparat u fl-Evanġelju tal-lum insibu propju dan il-messaġġ: "Kunu dejjem lesti!"

Illum bdejna l-ewwel ġimgħa tal-Avvent, l-ewwel ġimgħa tas-sena tal-Knisja. F'dan iż-żmien il-Knisja qed issejħilna biex nippreparaw ruħna sabiex inkunu tassew lesti biex niċċelebraw kif jixraq il-festa tat-twelid ta' Ġesù. Fil-fatt illum nistgħu ngħidu li jibda l-*countdown* għall-Milied. Imma kif nippreparaw ruħna għal din il-festa aħna l-Maltin?

Diffiċli niġbru dak kollu li jsir f'dan iż-żmien, iżda fost l-aktar affarijiet komuni nibdew minn kmieni billi niżirgħu l-ġulbiena u npoġġuha fid-dlam ħalli tikber bajda u sabiħa. Imbagħad inkompli bl-armar tas-siġra tal-Milied, settijiet tad-dwal, presepji b'pasturi mill-isbaħ u ħafna tiżjin li f'dan iż-żmien jibdel mil-lejl għan-nhar id-djar tagħna. Ma jistax jiġi l-Milied u ma nsemmux ir-rigali li nixtru lil xulxin. Fl-aħħarnett ma rridux ninsew nibagħtu l-kartolini lil dawk l-aktar qrib tagħna, u r-riħa tfuħ li tibda ħierġa mill-kċina bit-tisjir speċjali marbut ma' dan iż-żmien tant sabiħ.

Imma hekk biżżejjed? Taħsbu li ppreparajna ruħna sew għal dan iż-żmien? Jew insejna xi ħaġa? Forsi lil xi ħadd tassew importanti? Biex inwieġbu din il-mistoqsija hemm bżonn nieqfu ftit u niftakru lil min qed niċċelebraw. Aħna qed niċċelebraw festa tagħna nfusna jew lil xi ħadd ieħor? U jekk qed niċċelebraw lil xi ħadd ieħor, fil-lista ta' preparamenti tagħna jidher? Jew inkella sibna ħin għal kollox ħlief għal Dak li qed niċċelebraw? It-tweġiba issa tidher faċli. Il-lista jonqosha li npoġġu lil Ġesù fil-quċċata tagħha. Issa li l-lista tagħna tassew kompluta, x'se nagħmlu differenti?

Għalkemm l-armar u t-tiżjin importanti ħafna biex nidħlu fl-ispirtu, issa rridu nħejju ruħna għal dan iż-żmien billi ftit ftit insiru nixbhu lil Ġesù nnfisu. Mhux fl-affarijiet il-kbar imma f'affarijiet żgħar li nistgħu nagħmlu ta' kuljum. Ngħinu lil min ikun fil-bżonn, naqsmu dak li għandna mal-oħrajn, ngħinu lill-familjari tagħna, nippruvaw inkunu l-aħjar ħbieb li nistgħu u, fuq kollox, insibu ħin biex nieqfu ftit u nitolbu. Jekk nagħmlu dawn l-affarijiet nindunaw li qed insiru persuni aħjar, li dejjem qed nippreparaw ruħna biex din il-festa ssibna tassew lesti għaliha.

## Sib il-Kelma

Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.
ĠESÙ, NOÈ, MIĠJA, BIN, BNIEDEM, ARKA, DILLUVJU, GĦALQA, SIDKOM

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| F | I | N | E | P | R | A | T | A | Ġ |
| O | T | T | A | A | K | I | T | R | E |
| S | A | R | T | B | N | E | D | K | S |
| L | I | N | D | GĦ | N | I | M | A | N |
| T | D | I | L | L | U | V | J | U | O |
| R | N | GĦ | A | L | Q | A | S | GĦ | Ù |
| A | Q | B | A | M | B | R | I | E | S |
| L | È | O | B | I | N | S | D | L | I |
| L | Ġ | D | I | Ġ | IE | I | K | IE | D |
| A | E | L | L | J | D | D | O | Q | IE |
| L | S | U | V | A | E | IE | M | I | N |
| A | Ù | N | O | È | M | N | J | U | K |
| B | N | E | D | M | I | N | T | E | A |



## Il-Mużika

Il-mużika hi meqjusa bħala l-"lingwa universali". Dan għaliex il-mużika kapaċi tikkomunika u twassal emozzjonijiet lil nies ta' lingwi u kulturi differenti. Saħansitra anke annimali u pjanti jafu jirreaġixxu u jiġu influwenzati mill-mużika! Tista' timmaġina l-ħajja mingħajr mużika? Sempliċiment jekk tkun qed tara 'film', mingħajr il-mużika addattata u l-effetti mużikali, ix-xeni differenti – bħal xeni ta' azzjoni jew ta' kalma – jitilfu ħafna mill-impatt tagħhom – din hi l-qawwa tal-mużika!

Nistgħu ngħidu li l-ewwel mużiċista kienet in-natura stess bħal meta r-riħ jonfoħ ġol-qasab u l-ħoss tar-riħ joħloq melodija. Il-ħoss tal-qtar tax-xita, is-sajjetti u ħsejjes naturali oħra ħolqu l-ewwel ħsejjes li jistgħu jiffurmaw "mużika". L-annimali bħall-għasafar joħolqu wkoll ħsejjes mużikali bil-kant u t-tisfir tagħhom. Sa mill-bidu tal-eżistenza tiegħu, il-bniedem għaraf l-importanza tal-mużika u tal-ħsejjes differenti. Fil-bidu kien jimita' l-ħsejjes tan-natura u tal-annimali u 'l quddiem beda' juża l-mużika bħala għajnuna għall-qima ta' Alla u bħala espressjoni artistika ta' bniedem kreattiv.



Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.





**Dan l-Avvent ejja magħna fi vjaġġ wara kewkba speċjali li se tlaqqagħna ma' sultan ġdid.**

**Kuljum se timxi pass ieħor fl-istorja li bidlet id-dinja.**




Ibagħtilna email fuq
info@mediacentre.com.mt
€1 VAT inkluża
jew ordnaw online minn
sayitmalta.com

STORJA TAL-MILIED | KALENDARJU TAL-AVVENT | KTIEB TAT-TPINĠIJA

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

GĦAŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!

GĦAŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST



SAY IT!

ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

SAY IT! www.sayitmalta.com 32, Tarxien rd Paola YOUTHEME



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION